# FIL- PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 5 t'April 2024**

**Fl-atti rikors ġuramentat numru 916/2023 fl-ismijiet:**

**Alfred MALLIA**
**Vs.**
**Joseph BILOCCA et**

**Wara l-mandat ta' sekwestru numru 1564/2023.**

**Rikors (numru 1050/2023) ta' Joseph Bilocca Kl935051M et**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors fejn Joseph Bilocca et talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar il-mandat ta' sekwestru infraskritt ai termini tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 kif ukoll biex din il-Qorti timponi penali fuq Alfred Mallia fis-sensi tal-artikolu 836(8)(a)(b) (d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta wara li saħqu li, in suċċint, dan il-mandat ta' sekwestru ma kienx prima faciae ġustifikat u fi kwalunkwe każ kien eċċessiv għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) Fir-rikors promotur ma kien hemm ebda talba għall-likwidazzjoni ta' danni kif ukoll li inħareġ biex jissalvagwardja pretensjoni mhux pekunjarja – fis-sens li l-kawża intavolata minn Alfred Mallia kienet waħda għal spoll u mhux għal danni.
(b) Ma kien hemm ebda rabta bejn il-pretensjonijiet tas-sekwestrant u s-sekwestrati in kwantu f'dan il-każ ir-raġuni li Alfred Mallia ġab in

sostenn għall-allegazzjoni tal-ispoll kienet l-isgass u s-sokor tal-bieb tal-fond de quo li però saru fuq ordni tal-Qorti;

(c) Nuqqas ta’ spjegazzjoni tan-natura tad-dannu u l-ġustifikazzjoni tal-kwantum.

Rat illi Alfred Mallia ġie notifikat bir-rikors, digriet u d-dokumenti personalment fl-indirizz mogħti ġewwa Ħal-Qormi, iżda huwa naqas milli jwieġeb għal dan ir-rikors.

Rat ukoll li din il-Qorti kif presjeduta reġgħet innotifikat lil Alfred Mallia bl-avviż tas-smiegħ ta’ dan ir-rikors personalment quddiem l-Awla numru 17 fil-Bini tal-Qorti. Iżda jirriżulta wkoll li meta fl-20 ta’ Frar 2024 issejjaħ ir-rikors għas-smiegħ, Alfred Mallia ma kienx preżenti u l-anqas kien hemm xi difensur legali għalih. Għalkemm dan ir-rikors kien imsejjaħ biex jinstema’ fid-9:20, il-Qorti baqgħet tistenna lil Alfred Mallia sal-10:00 u minkejja dan la Alfred Mallia u anqas l-Avukat tiegħu baqgħu ma dehru.

## Ikkunsidrat

1. It-talba tar-rikorrenti hija bażata fuq l-artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. F’dan il-każ allura jrid jiġi mistħarreġ jekk l-eżekutant ikollux, mal-ewwel daqqa t’għajn (prima faciae), bażi għall-pretensjoni tiegħu (fumus iuris) biex ikun jista’ jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu.[1]

2. Biex il-Qorti tasal għall-konklużjoni tagħha allura jekk mandat kawtelatorju għandux jiġi mħassar taħt dan l-artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta hija trid tistħarreġ jekk u safejn il-kawżali tal-mandat kawtelatorju tkun tista’ tintrabat mal-kreditu li jkun qiegħed jiġi pretiż u msemmi fl-istess mandat. Huwa għalhekk li l-Qorti trid tistħarreġ jekk mal-ewwel daqqa t’għajn ikunx jirriżulta li r-rikorrent ikollu bażi għall-pretensjoni tiegħu u f’każ li l-Qorti ssib li hemm din il-bażi imbagħad tgħaddi biex tistħarreġ jekk ir-rikorrent eżekutant ikunx wasal li juri, dejjem mal-ewwel daqqa t’għajn, li l-pretensjoni pekunjarja msemmija minnu tkun taqbel mal-ammont maħluf fuq il-mandat.[2]

[1] Ara **Casino-For-Me Limited vs. Chartwell Games (Malta) Limited**, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il- 5 ta’ Settembru 2008.
[2] Ara **Avv J.J. Vella noe v Eden Irish Aircraft Leasing MSN 204 Limited** deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il-5 ta' Diċembru 2012.

3. Mandat kawtelatorju jinħareġ taħt ir-responsabbilita' tar-rikorrent. Għalkemm dawn il-Qrati ma jesiġux formaliżmi esaġerati f'dak l-istadju, mill-banda l-oħra ma jfissirx li dawn il-mandati jistgħu jsiru b'leggerezza, b'non kuranza jew bi traskuragni. Wisq anqas għandhom isiru b'abbuż, b'mod frivolu jew vessatorju, b'intenzjoni qarrieqa, jew b'finalita' ta' "arms twisting" kontra dawk li jkunu ġew maħruġa.

4. F'dan il-każ Alfred Mallia talab u ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kontra s-sekwestrati rikorrenti billi preżenta bħala kreditu ta' "ħmistax il-elf euro (€15,000) danni riżultanti minn spol" kif ukoll bħala l-kawżali "danni kkawżati minn spoll ipperpetwati mill-konvenuti u danni oħra verjuri".

5. Fil-kawża li Alfred Mallia fetaħ kontra s-sekwestrati jirriżulta li t-talbiet tiegħu huma:
   i. Dikjarazzjoni li s-sekwestrati intimati kienu sgassaw u sakkru l-fond in kwistjoni b'qerq jew ingann peress li ma kienux awtorizzati li jagħmlu dan minn Carmela Mallia;
   ii. Dikjarazzjoni li in vista ta' dan l-intimati kkommettew spoll fil-konfront ta' Alfred Mallia
   iii. Ordni għal reintegrazzjoni fil-pussess ta' Alfred Mallia tal-fond bl-indirizz 109, Mosta Road, Ħ'Attard u aktar tat-tagħmir tiegħu.

6. Meta Alfred Mallia talab u ottjena l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru de quo, huwa rabat il-kawżali ta' dan il-mandat mal-allegati danni li huwa sofra in segwitu għal dak li allega bħala spoll kommess mill-"konvenuti u danni oħra verjuri". Huwa allura ġie li għaqqad il-kawżali tad-danni pretiżi minnu mal-allegata azzjoni ta' spoll kommessa mis-sekwestrati.

7. Il-ġurisprudenza tgħallem li l-azzjoni għal danni mhix kompatibbli guridikament u gudizzjarjament mal-azzjoni ta' spoll billi l-istħarriġ meħtieġ għas-sejba ta' responsabbilita' għad-danni neċessarjament tmur lill-hinn mir-rekwiziti tal-azzjoni ta' spoll. Il-jedd *prima facie* f'kawża għad-danni huwa preordinat fuq l-eżitu favorevoli tal-azzjoni ta' spoll, filwaqt li l-kawżali meħtieġa għall-azzjoni ta' spoll hija mibnija fuq il-pussess ta' kull xorta jkun. Ġie mgħallem ukoll li għalkemm f'ċertu sens it-talba għad-danni hija subordinata għal ġudizzju favorevoli tal-kawża ta' spoll, il-pretensjonijiet fiż-żewġ azzjonijiet mhumiex l-istess. It-talba fl-azzjoni ta' spoll privileġġjat timmira għar-reintegrazzjoni tar-rikorrent fil-pussess mentri t-talba

f'azzjoni għad-danni timmira għar-risarċiment tat-telf subit minħabba l-ispoll.[3]

8. B'hekk il-jedd ikkawtelat bil-mandat ta' sekwestru ma jistax jingħad li jedd pekunjarju għad-danni huwa l-istess jedd dedott fil-proċeduri ġudizzjarji gja pendenti bejn il-partijiet.

9. Għalkemm fil-proċedura għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju ma hemmx ħtieġa li rikorrent jindika bi preċiżjoni l-azzjoni li jkun jew li jkun sejjer jintavola - in kwantu u b'mod partikolari f'kawża għal danni huwa jista' jindika bħala kawżali sempliċement l-eżistenza ta' danni u l-kwantum tad-danni minnu pretiżi – mill-banda l-oħra f'dan il-każ Alfred Mallia għażel hu stess li fil-kawżali għall-mandat ta' sekwestru jorbot il-pretensjoni tiegħu għal danni bħala li huma kawżati mill-ispoll li skontu ġie kommess mis-sekwestrati. In definittiva, huwa rabat lilu nnifsu ma dak il-karru meta ma kellux għalfejn. Iżda lil hinn minn dan l-anqas ma jirriżulta li l-kawża intrapriża minnu, u li ġġib in-numri 916 tal-2023, kienet waħda għal danni.

10. B'hekk, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti ser tilqa' t-talba u fis-sensi tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 u sejra tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 1564 tal-2023.

**Talba għal imposizzjoni tal-penali fis-sensi tal-artikolu 836(8)(a)(b)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

11. Talba għal kundanna għall-ħlas ta' penali f'dan il-każ qegħda ssir minn Bilocca et in bażi għal dak li jgħid l-artikolu 836(8)(a)(b)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, iġifieri:

> (8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu(1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:

[3] Ara f'dan is-sens id-digriet mogħti fuq ir-rikors fl-Atti tal-Mandat kawtelatorju ta' sekwestru numru 264/18 fl-ismijiet: **Grands Holdings Limited [C19839] vs Raymond Zarb ID: 735255(M) u Isabelle Zarb ID: 44360(M); Patricia Grima Azzopardi ID: 356270(M); Dione Bezzina ID: 533233(M); Kevin Catania ID: 358870(M); Ann Marie Sopp ID: 967944(M); Mary Calleja ID: 697552(M); Habtasam Muscat Fitz ID: 539084(M); Leonard Vella ID: 599461(M); u Charles Vella ID: 180030(M)** deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar id-9 t'April 2018.

(a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;

(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:

.../...

(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.

12. Din il-proċedura ta' imposizzjoni ta' penali ġiet ritenuta bħala kwistjoni t'ordni pubbliku. Biex din il-penali tkun tista' tiġi imposta, huwa biżżejjed li r-rikorrent jipprova li tkun seħħet xi waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi in kwantu dawn ma humiex kumulattivi iżda alternattivi għal xulxin. Il-penali, isimhom magħhom, huma forma ta' "poena", sanzjoni, imposti mill-Liġi fil-każijiet fejn tkun ġiet pruvata almenu waħda minn dawk iċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafi (a) sa (d) imsemmija. Peress li jagħtu lok għal penali, dawn iċ-ċirkostanzi huma eżawrjenti u ma jgħoddx li jiżdiedu raġunijiet oħra magħhom.

13. Dawn il-penali jsibu l-bażi u r-raġuni tagħhom fuq in-neċessita li tiġi mħarsa s-serjeta li trid il-Liġi fit-tħaddim tal-istitut tal-mandati kawtelatorji. Dan l-istitut jaf ikollu u jħalli effetti serji immens fuq il-ħajja, saħħa, integrita jew disponibilita patrimonjali tal-persuna milquta mill-ħruġ tal-mandat. Għalhekk daqskemm il-Liġi tippermetti l-użu leġittimu, xieraq u in buona fede ta' dawn il-mandati biex persuna tikkawtela l-jeddijiet tagħha meta u fejn jixraq, daqstant ieħor l-istess Liġi tħares bl-ikrah lejn min juża dawn il-miżuri għal skopijiet ħżiena, b'qerq jew b'animu ħażin. Dan għaliex il-Liġi ma tridx min jabbuża mill-proċess ġudizzjarju; u min jazzarda jagħmel dan imbagħad irid iwieġeb għal għemilu billi jeħel is-sanzjoni imsemmija fil-Liġi.[4]

14. B'hekk meta persuna tiġi biex toħroġ mandat kawtelatorju trid, <u>inter alia</u>, tqis:

[4] Ara **John Zarb vs. Port Cottonera Limited** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-18 ta' Settembru 2002.

(a) li jkollha pretensjoni x'tikkawtela li tkun vera, leġittima u dimostrabbli;
(b) li jkollha l-ħtieġa li tirrikorri għall-ħruġ ta' mandati kawtelatorji biex tikkawtela dik il-pretensjoni;
(c) li jkollha ġustifikazzjoni fil-ħruġ ta' dak il-mandat;
(d) li – salv f'każijiet urġenti - il-ħruġ ta' dan il-mandat kawtelatorju ma jkunx sar ħin qabel il-waqt jew mingħajr ma l-intimat ikun ġie msejjaħ biex jagħmel tajjeb għall-pretensjoni tar-rikorrent;
(e) li salv f'każijiet urġenti u f'każ ta' dejn mhux likwidu, li tkun talbet lill-intimat jipprovdi sigurtà biżżejjed biex jagħmel tajjeb għall-pretensjoni tar-rikorrent;
(f) in-nuqqas ta' raġonevolezza tal-ħruġ ta' dak il-mandat meta l-intimat ikun magħruf sew li ma jkollux problemi ta' likwidita' u fejn ma jkunx hemm raġuni li dik il-persuna tiddubita mill-likwidita tal-intimat u l-kapaċita tiegħu li jħallas u jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tagħha;
(g) li t-talba għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju tkun saret in buona fede u ma tkunx saret b'malizzja jew inkella tkun frivola jew vessatorja; u
(h) li tkun segwiet it-talba għall-ħruġ tal-mandat bil-proċedura ġudizzjarja għall-aċċertament tal-jeddijiet pretiżi minnha li jkunu jaqblu u jsegwu mal-kawżali indikati fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju.

15. Fil-każ li persuna tottjeni l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju bi ksur ta' xi wieħed minn dawn ir-raġunijiet imsemmija fil-Liġi, il-persuna li kontra tagħha jkun inħareġ dak il-mandat għandha r-rimedju mogħti lilha mill-Liġi mhux biss li titlob it-tħassir tal-mandat kollu kemm hu jew parti minnu fis-sensi tal-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; iżda saħansitra li titlob lil Qorti biex twaħħal lil min ikun ħareġ dak il-mandat kawtelatorju dik il-penali msemmija fil-Liġi.[5] Allura f'dak il-każ, dik il-persuna imbagħad tkun qegħda tesponi lilha nnifisha għall-possibilita li tiġi sanzjonata mill-Qorti billi tiġi kundannata tħallas il-penali li ssemmi l-Liġi f'dan l-artikolu 836(8)(a) sa (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.[6]

16. F'dan il-każ, Alfred Mallia naqas milli jwieġeb għat-talbiet tar-rikorrenti minkejja li huwa kien notifikat personalment bir-rikors,

[5] U dan oltre dak previst mill-artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta iżda li f'dan il-każ il-Qorti mhix se tiddelunga wisq fuqu in kwantu ma kienx hemm talba appożita għal dann wkoll taħt dan is-subartikolu.
[6] Ara **Cole Foods Ltd. vs. Euro Imports Ltd** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-13 ta' Marzu 2003 u **Farrugia vs. C&F Building Contracters Ltd.** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-14 ta' Awissu 2014.

dokumenti u digriet; anzi notifikat f'ġurnata oħra bl-avviż tas-smiegħ tar-rikors huwa l-anqas biss indenja ruħu jidher għas-seduta. Dan in-nuqqas ta' Alfred Mallia juri nuqqas ta' interess minn naħa tiegħu li jikkontesta dak li qegħdin jgħidu r-rikorrenti.

17. F'dan il-każ ukoll ir-rikorrenti jsostnu li qabel xejn Alfred Mallia ma segwiex il-mandat ta' sekwestru bil-kawża għad-danni kontra tagħhom. Fil-fatt, formalment, dan huwa minnu in kwantu għalkemm Alfred Mallia għamel kawża kontra tar-rikorrenti, kif spjegat iżjed il-fuq, il-kawża li fetah kienet waħda għal spoll u reintegrazzjoni mentri l-kawżali għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kien wieħed għal danni li jallega li ssubixxa frott tal-allegat spoll. Kif intqal iżjed il-fuq il-confusio ta' danni u spoll fl-istess kawżali ġiet ċensurata mill-ġurisprudenza u għalhekk formalment ma jistax jingħad li l-kawżali tad-danni hija l-istess bħal dik ta' spoll, jew li hija inkluża f'dik tal-ispoll jew li b'xi mod tista' titqies kompriża jew involuta fiha.

18. Inoltre r-rikorrenti jsostnu wkoll li qabel ma Alfred Mallia ottjena l-ħruġ ta' dan il-mandat ta' sekwestru huwa ma kienx b'xi mod interpellahom fis-sens li r-rikorrenti kienu rrendew ruħhom responsabbli għad-danni fil-konfront tiegħu. Anke hawn Alfred Mallia ma weġibx għal din l-allegazzjoni. Ma hemmx prova li fil-fatt b'xi mod huwa interpellahom qabel ma għażel li joħroġ il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kważi ħabta u sabta ma meta r-rikorrenti kien irnexxielhom jeżegwixxu l-mandat ta' żgumbrament. Dak mistqarr mir-rikorrenti baqa' mhux kontradett.

19. Inoltre, r-rikorrenti jsostnu li l-bażi fattwali u legali wara ħruġ ta' dan il-mandat kawtelatorju hija waħda abbużiva u vessatorja in kwantu għalkemm huwa minnu li Alfred Mallia ġie mxekkel milli jidħol fil-fond de quo minħabba li l-bieb tal-fond ġie żgassat u mbarrati, dawn l-azzjonijiet saru biss fl-eżekuzzjoni ta' mandat eżekuttiv wara sentenza deċiża favur tagħhom b'mod finali u konklussiv mill-Qorti tal-Appell. B'hekk l-azzjoni tagħhom ma kienetx waħda unilaterali, abbużiva u spoljanti kif jallega Alfred Mallia, iżda kienet waħda in segwitu u in eżekuzzjoni ta' ordni leġittima li toħroġ minn sentenza finali u konklussiva. Ir-rikorrenti allura jsostnu li huwa l-ħruġ tal-mandat kawtelatorju kontra tagħhom minn Alfred Mallia li – f'dan l-isfond fattwali u ġuridiku - kien wieħed abbużiv u vessatorju fis-sens li kien van u bla sens, nieqes mis-serjeta, u b'hekk ma kellux jingħata attenzjoni jew konsiderazzjoni.

20. Inoltre, l-ammont ta’ flus li għalih huwa talab il-ħruġ tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju kien stabbilit minnu b’mod arbitrarju billi ma tax spjegazzjoni ta’ kif wasal għal dik iċ-ċifra maħlufa minnu.

21. F’dan il-kuntest allura l-Qorti ssib li r-rikorrenti irnexxielhom jippruvaw sal-grad meħtieġ mill-Liġi li f’dan il-każ hemm l-estremi meħtieġa biex il-Qorti timponi l-penali. Il-Qorti f’dan l-istadju sejra timponi l-minimum tal-penali stabbiliti mill-Liġi fl-ammont ta’ elf mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

**KONKLUZJONI**

Illi għall-motivi premessi, din il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u filwaqt li tħassar u tirrevoka il-Mandat ta' Sekwestru li jġib in-numru 1564/2023 fl-ismijiet premessi kif spjegat in bażi għal dak imsemmi fl-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-Alfred Mallia sabiex ihallas lir-rikorrenti in solidum bejniethom il-penali ta’ elf mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u dan fis-sensi tal-artikolu 836(8)(a)(b)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż ta’ din il-proċedura għandhom ikunu a karigu ta’ Alfred Mallia.

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**